MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 220/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Claire Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Claire Cuschieri talli fl-14 ta' Gunju 2005, ghall-habta tal-11.30am, u fil-granet ta' qabel din id-data, ghamlet xi attivita` kummercjali fl-inhawi ta' Putirjal jew fuq il-pont ta' Bieb il-Belt, Valletta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Claire Cuschieri mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u lliberatha minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti: Illi l-ewwel Qorti interpretat il-portata ta’ attivita` kummercjali bhala li ma tinkludix xoghol ta’ arti u l-bejgh tieghu. Illi dan imur kontra dak li jghid l-Avviz Legali 102/02 fl-Ewwel Skeda fejn, fil-kategorija V 74.87 jigi stabilit li hemm bzonn ta’ licenzja ghall-attivitajiet professjonali u attivitajiet kummercjali ohra li mhumiex klassifikati band’ohra. Illi certament l-artist hu professjonista u ghalhekk jehtieg licenzja biex ibiegh il-prodotti tieghu.

Mix-xiehda ta’ P.S. 1338 Noel Apap jirrizulta li fl-14 ta’ Gunju 2005 kellu struzzjonijiet biex ma jhallix *hawkers* li kienu gewwa City Gate taht il-*bridge*. Huwa mar fuq il-post akkompanjat minn P.C. 594 Robert Saliba sab lill-imputata, fost ohrajn, u tahom struzzjonijiet biex ma jibqghux fejn kienu u biex imorru fil-pjazza. Dawn il-persuni kienu kollha qeghdin jaghmlu xi xoghol ta’ arti bl-idejn u jbieghuhom dak il-hin. Spjega li “kollha kienu qeghdin jaghmlu xoghol illi jrid ikollok certu arti biex taghmlu”. Ix-xhud zied jghid li l-*policies* jinbidlu u peress li kien qed ikun il-maltemp u x-xita qalulhom li ahjar joqoghdu taht il-pont, zmien ilu, izda issa regghu bidlu l-*policy* li jriduhom barra.

P.C. 594 Robert Saliba xehed li kien qieghed jassisti lis-Surgent, ix-xhud precedenti, u sabu lill-appellata u diversi

persuni ohrajn taht Bieb il-Belt b’diversi affarijiet u oggetti ta’ l-arti.

Charles Muscat, *principal officer* fit-Trade Licensing Unit, xehed li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li l-appellata ghandha licenzja ta’ *street hawker*, jigifieri bejjiegha tat-triq, ghal *“predominantly sale of watches, clocks and jewellery”*.

L-abbli difensur ta’ l-appellata ssottometta li fil-kamp kriminali ma tistax testendi t-tifsira ta’ dak li jrid il-legislatur. Fejn riedet, il-ligi tkellmet izda fejn ma riditx ma tkellmitx. Il-legislazzjoni sussidjarja mbaghad ma jistax ikollha sahha aktar mil-ligi principali. F’dan il-kaz il-Kap. 441 qed johloq eccezzjonijiet ghall-applikabilita` ta’ l-Avviz Legali 102/2002. Difatti l-artikolu 14(2)(b) tal-Kap. 441 jipprovdi li l-htiega li min jiggestixxi xi attivita` kummercjali f’xi triq ikollu licenzja mill-awtorita` regolatorja ma tapplikax fil-kaz ta’ persuna li f’xi triq tipproduci fuq il-post u tbiegh xi artefatt. L-appellata, bhall-persuni l-ohra kollha, kienet qieghda tipproduci *work of art*. Dan ma jikkostitwix *commercial activity*. Ghalhekk il-kondizzjonijiet ghall-bejgh fit-toroq fl-imsemmi Avviz Legali ma japplikawx ghaliha.

Din il-kwistjoni giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mandy Amanda Cassar** deciz fis-27 ta’ Ottubru 2005. F’dik is-sentenza din il-Qorti qalet hekk:

“Illi l-Ewwel Qorti tidher li ghamlet distinzjoni bejn min ibiegh oggett lest u min fuq il-materjal izid l-intervent artistiku, jew f’termini aktar precizi w idoneji, artigjanali tieghu, distinzjoni li pero` ma tohrogx mil-ligi fil-proviso ghar-regolament 30(f) tal-Avviz Legali 102/2002 cioe` r-Regolamenti tal-2002 dwar il-Licenzji tal-Kummerc maghmula bis-sahha tal-artikolu 28 tal-istess Att Dwar il-Licenzji tal-Kummerc li jghid testwalment hekk:

**“‘izda m’ghandha ssir ebda attivita` kummercjali f’ebda hin minn bejjiegha tat-toroq <u>fl-inhawi ta’ Putirjal, tal-Belt Valletta inkluz il-Pont”</u>** (enfasi tal-Qorti).

"Din hi projbizzjoni assoluta li tolqot il-bejjiegha fit-toroq ibieghu x'ikunu ibieghu w jidher li hi ispirata mill-htiega li l-entratura tal-Belt Kapitali tinzamm libera minn kull ingombru jew xkiel ta' bejjiegha bit-tilari u l-merca taghhom, li sfortunatament jaghtu dehra ta' bazaar orjentali w xejn dinjituza lill-ambjent minn fejn kuljum jidhlu fil-Belt Kapitali eluf ta' Maltin u barranin. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-projbizzjoni ta' kull attivita` kummercjali tolqot lil kull bejjiegh fit-triq sija jekk ikun licenzjat jew mhux u sija jekk ikollux bzonn ta' licenzja jew le. Altrimenti ikun assurd li min ikollu licenzja ta' *street hawker* ikun impedut milli jarma f'Bieb il-Belt u min m'ghandux bzonn ta' licenzja ghal xi attivita` kummercjali ikun jista' jarma hemm u jipproduci l-istess effett degradanti fuq l-ambjent.

"Li l-artikolu 2 tal-Kap. 441 jiddisponi li *'attivita` kummercjali tfisser ezercizzju ta' xi attivita` kummercjali jew ekonomika inkluz il-bejgh ta' oggetti u l-ghoti ta' servizzi kif jista' jigi preskritt, irrispettivament minn jekk dik l-attivita` kummercjali tigix ezercitata minn postijiet kummercjali jew xort'ohra ….'*

"Illi l-ewwel Skeda annessa mar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Licenzji tal-Kummerc fil-para. 74.87 1 tinkludi *'attivitajiet professjonali u attivitajiet kummercjali ohra li mhumiex klassifikati band'ohra'* u konsegwentement anki jekk l-attivita` li kienet qed tigi gestita mill-appellat ma hix definita specifikatament, zgur li taqa' taht din id-definizzjoni mill-aktar wiesa'.

"Illi kjarament dak li nqabad jaghmel l-appellat, fil-jum u hin msemmi fic-citazzjoni zgur jaqa' taht id-definizzjoni wiesa' ta' attivita` kummercjali billi zgur kien qed ibiegh oggetti w, anki jekk kien qed jeffettwa xi zieda fuq l-oggetti li kellu quddiemu, dan b'ebda stirar ta' l-immaginazzjoni ma jista' jitqies li ma jikkostitwix bejgh. F'kull kaz xi zieda li kien qed jaghmel fuq l-oggetti jitqies ukoll bhala servizz li ukoll jaqa' taht id-definizzjoni ta' attivita` kummercjali, kif fuq spjegat. Ghalhekk il-projbizzjoni assoluta li ma tistax issir attivita` kummercjali f'dik il-lokalita` tapplika ghalih ukoll."

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma’ din l-interpretazzjoni. Difatti dak li l-ligi qed tezenta minnu lil min jaghmel xi attivita` kummercjali konsistenti fil-produzzjoni fuq il-post u l-bejgh ta’ artefatt hu mill-htiega ta’ licenzja, izda mhux milli josserva regoli ohra.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellata hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha biss fir-rigward tal-jum ta’ l-14 ta’ Gunju 2005 ghall-habta ta’ l-11.30 a.m. izda mhux ukoll fil-granet ta’ qabel din id-data u, wara li rat l-artikoli 2, 28 u 29(a) tal-Kap. 441 u r-Regolamenti 30(f) u 50 tar-Regolamenti ta’ l-2002 Dwar il-Licenzji tal-Kummerc (A.L. 102/2002), tikkundannaha ghal *ammenda* ta’ hamsin liri Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------